MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Rikors Maħluf Numru 391/2018 LM

**Paul Sammut detentur tal-karta tal-identità numru 441476M)**

***vs*.**

**Bonnici Brothers Limited (C 3905)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors maħluf ippreżentat mill-attur **Paul Sammut** (K.I. numru 441476M), [minn issa 'l quddiem "l-attur"] fis-26 ta' April, 2018, kontra s-soċjetà konvenuta **Bonnici Brothers Limited** (C3905) [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"], li jgħid kif ġej:

*"1. Illi rikorrenti jaħdem mas-soċjetà konvenuta u ilu jaħdem magħha sa minn circa s-sena 2001;*

2. *Illi fit-30 ta' Novembru 2012, ir-rikorrent kien qed jaħdem b'inġenju tal-kumpannija fuq il-lant tax-xogħol fin-niżla ta' Pennellu fil-*bypass stal-*Mellieħa, mgħaruf bħala romblu* tat-tarmac;

3. *Illi r-rikorrenti kien ilu għal kważi tlettax-il sena jaħdem fuq dan it-tip ta' inġenju u għaldaqstant kellu esperjenza kbira fit-tħaddim tiegħu;*

4. *Illi waqt li kien qed jittrasporta r-romblu għall-parti oħra tal-istess lant, wara li xegħel iċ-ċavetta r-romblu, jiġi qgwidat minn* lever *bl-idejn, mexxa il-*lever *'il quddiem u r-romblu beda miexi 'il quddiem, għan-niżla;*

5. *Illi f'ċertu ħin ir-romblu beda jżid l-*ispeed *u r-rikorrent għolla l-*handbrake *'il fuq, il-*lever *resqu għal pożizzjoni newtrali, biss minkejja li l-*handbrake *żamm, ir-romblu beda jitkaxkar 'l isfel;*

6. *Illi r-rikorrent, meta ra li mhux se jirnexxielu jieqaf ipprova jdawwar ir-romblu l-ewwel lejn il-lemin u wara lejn tax-xellug lejn il-bankina li kien hemm fuq il-ġenb biex jiprova jwaqfu, iżda il-parti ta' quddiem tar-romblu xorta baqa' nieżel la ġenba;*

7. *Illi f'dak il-mument ir-rikorrent iddeċieda li kien l-aħjar li jaqbeż mill-inġenju u kien f'dak il-mument li hu sofra ġrieħi ta' natura gravi u debilità permanenti senjatament f'saqajh it-tnejn u għadu sal-lum muġugħ u qed jirċievi trattament mediku, kif ser jiġi ppruvat waqt il-ġbir tal-provi;*

8. *Illi r-rikorrent ġie nfurmat li jeħtieġ tal-anqas żewġ operazzjonijiet oħra probabbli tlieta, l-ewwel waħda li tissejjaħ Debridment of Right Ankle, ser issir fit-28 ta' Mejju 2018;*

9. *Illi minkejjja l-fatt li s-soċjetà intimata ġiet interpellata tersaq għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti, baqgħet inadempjenti;"*

B'hekk l-attur ħarrek lis-soċjetà konvenuta sabiex tgħid għaliex din il-Qorti m'għandiex:

*"1. Tiddikjara s-soċjetà intimata responsabbli għall-inċident li seħħ fit-30 ta' Novembru 2012, fin-niżla ta' Pennellu fil-*bypass *tal-Mellieħa, li fih korra gravi r-rikorrenti, meta kien qed juża l-inġenju pprovdut mill-istess soċjetà intimata b'riżultat ta' liema sofra danni u debilità permanenti;*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent b'riżultat tal-inċident li seħħ fit-30 ta' Novembru 2012 u dan okkorrendo bin-nomina ta' periti nominati għal dan l-iskop kemm-il darba jkun il-każ; u*

3. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrent d-danni hekk likwidati fi żmien qasir u perentorju.*

*Bl-imgħax u spejjeż legali, inkluż dawk tal-ittri uffiċjali numru 3710/13, 3360/15 u 2219/17 ppreżentati preċedentement kontra s-soċjetà intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta maħlufa tas-soċjetà konvenuta ppreżentata fis-16 ta' Mejju, 2018, fejn eċċepiet:

*"1. Illi l-ewwel talba tar-rikorrent inkwantu diretta kontra s-soċjetà esponenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda u dan stante illi l-istess esponenti mhiex responsabbli għall-inċident* de quo, *liema inċident seħħ unikament bi ħtija tar-rikorrent stess – li kien qiegħed jopera l-inġenju (magħruf bħala* roller) *– meta naqas milli jsegwi proċeduri ta' prudenza fl-eżekuzzjoni ta' xogħlu fuq il-lant, kif* del resto *huwa obbligat jagħmel, hekk kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*2. Illi,* di più, *għandu jiġi sottolineat illi s-soċjetà esponenti dejjem aġġixxiet b'diliġenza fejn, fost affarijiet oħra, dejjem adderiet ruħha mal-obbligi legali tagħha, fosthom dawk kontenuti fil-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta fejn saħħet sabiex tipprovdi lill-impjegati tagħha, fosthom lir-rikorrent* a safe place of work *kif ukoll* a safe system of work. *Għaldaqstant, in vista ta' dak appena premess, jispetta lir-rikorrent jipprova li s-soċjetà esponenti wettqet xi nuqqas illi jagħmilha b'xi mod responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża u l-grad ta' tali responsabbilità.*

*3. Illi t-tieni talba tar-rikorrent għandha għalhekk tiġi riġettata stante li ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur l-istess rikorrent. Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-entità tad-danni pretiżi mir-rikorrent huwa kontestat u għaldaqstant l-istess għandu jagħmel il-prova tad-danni skond il-liġi; dan anke fid-dawl tar-rapport mediku redatt mill-konsultent ortopediku Mr. Frederick Zammit Maempel li stabbilixxa debilità permanenti fil-grad ta' disa' fil-mija (9%) [liema rapport qiegħed jiġi hawn esebit u markat bħala* ***Dok. BB1****].*

4. *Illi t-tielet talba tar-rikorrent għandha ukoll tkun miċħuda u dan għaliex is-soċjetà esponenti m'għandhiex tiġi kostretta tħallas ebda danni lill-istess rikorrent.*

5. *Salv eċċeżżjonijiet oħra premessi mill-liġi, bl-ispejjes kontra r-rikorrent."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Settembru, 2018, fejn ħatret lil Mr Raymond Gatt bħala espert mediku ġudizzjarju.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta' Ottubru, 2019, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-vertenza odjerna tirrigwarda inċident li seħħ fit-30 ta' Novembru, 2012, fil-Mellieħa fin-niżla hekk magħrufa bħala Ta' Pennellu jew il-*bypass* tal-Mellieħa*,* fejn is-soċjetà konvenuta kienet ġiet inkarigata minn *consortium* bħala sub-appaltatriċi fil-bini tat-triq. L-attur, li għadu sal-lum impjegat mas-soċjetà konvenuta, dakinhar meta kien għad għandu 36 sena, kellu l-kariga ta' *foreman* u kien inkarigat bħala *gang leader* fejn kien responsabbli għal madwar sitt ħaddiema oħra sabiex jagħti l-istruzzjonijiet u jaħdem magħhom,

anki bl-użu tal-inġenji. Huwa kien ilu madwar ħmistax-il sena jaħdem mas-soċjetà konvenuta, fejn madwar tlettax-il sena minnhom kien għamilhom iħaddem ir-*romblu* li jintuża sabiex jitballat il-materjal fit-triq u anki t-*tarmac* tal-istess triq. Fil-ġurnata tal-inċident, għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' waranofsinhar, l-attur tela' min-naħa ta' isfel tat-triq sabiex iniżżel ir-romblu li kien qieghed aktar 'il fuq. Hekk kif xegħelu u mexxa l-*lever* tiegħu 'l quddiem sabiex jimxi, ir-romblu beda jżid fil-veloċità tiegħu u meta l-attur uża l-*handbrake* u ressaq il-*lever* għall-pożizzjoni newtrali, ir-romblu beda jitkaxkar għal isfel. L-attur ittenta jwaqqaf ir-romblu billi dawru lejn il-lemin, imbagħad lejn ix-xellug tat-triq, iżda xorta waħda baqa' jitkaxkar, tant hu hekk li l-attur beda jinkwieta u qabeż minn fuqu. Kien proprju meta qabeż minn fuq ir-romblu li weġġa' saqajh it-tnejn u kellu jittieħed l-Isptar Mater Dei fejn operawh immedjatament. Huwa dam madwar ġimgħa hemmhekk, sakemm il-familja tiegħu ħadu d-deċiżjoni li jkomplu jikkurawh id-dar. Fil-frattemp kellu bżonn ta' intervent kirurgiku ieħor u sussegwentement kellu bżonn ta' mill-inqas żewġ interventi oħra.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

L-attur **Paul Sammut** xehed permezz tal-proċedura tal-*affidavit*[1]*,* li ġie ppreżentat fit-30 ta' Mejju, 2018. Filwaqt li ddikjara li huwa twieled fit-22 ta' Settembru, 1976, irrileva li huwa kien ilu jaħdem għal dawk l-aħħar sbatax-il sena mal-grupp ta' kumpanniji Bonnici Brothers Limited, kumpannija li taħdem l-aktar fil-qasam tal-kostruzzjoni tat-toroq. Huwa kien ilu jsuq l-inġenji, anki r-

[1] *A fol.* 43 *et seq.* tal-proċess.

romblu li jintuża sabiex jitballat il-pedament tat-triq u t-*tarmac*, sa mill-bidu nett. Fit-30 ta' Novembru, 2012, is-soċjetà konvenuta kienet qiegħda taħdem fuq il-proġett tal-*bypass* tal-Mellieħa u dakinhar huwa kien qed isuq ir-romblu. Dan użah filgħodu fl-istess ġurnata qabel seħħ l-inċident u kmieni waranofsinhar huwa kien reġa' mar għalih. Wara li l-attur spjega kif huwa kien ħaddem ir-romblu dakinhar, kompla jgħid li kif qabad in-niżla, ir-romblu beda jżid il-veloċità u għalkemm huwa għolla il-*handbrake* u poġġa l-*lever* li bih kien jitmexxa fuq il-pożizzjoni newtrali, ir-romblu beda jitkaxkar 'l isfel fit-triq. L-attur prova jwaqqaf ir-romblu billi dawru għax-xellug imbagħad għal-lemin, iżda xorta waħda baqa' nieżel. Ir-romblu mbagħad kien beda jżid il-veloċità u l-attur iddeċieda li jaqbeż minn fuqu, bir-riżultat li weġġa' saqajh. Għalhekk xi ħadd ċempel għall-ambulanza u din ħaditu l-isptar fejn dam hemm madwar ġimgħa, fejn saru fuqu żewġ interventi kirurgiku. Huwa kellu joqgħod għal żmien itwal l-isptar sabiex jirkupra, iżda peress li oħtu kienet infermiera, hija kienet iddeċiedet li tieħdu d-dar u tieħu ħsiebu hija stess. L-attur spjega li huwa kien dam żmien twil b'*external fixator* fuq saqajh u d-dar kien għamel madwar sitta jew seba' xhur b'siġġu tar-roti. Dam jagħmel it-terapija għal madwar sena u meta mar lura x-xogħol huwa kellu ċertifikat sabiex jagħmel *light duty work*. Ma setax isuq għal aktar minn sena u llum huwa għadu muġugħ u qed jirċievi trattament mediku wkoll. Siequ tal-lemin hija iqsar minn dik tax-xellug u jbati ħafna biex jimxi. L-attur stqarr li kien hemm il-bżonn li jagħmel żewġ operazzjonijiet oħra, forsi t-tielet waħda wkoll.

Oħt l-attur **Christine Galea**, ukoll xehdet permezz tal-proċedura tal-*affidavit*[2], li ġie ppreżentat fil-11 ta' Ġunju, 2018. Spjegat li hija kienet l-ikbar waħda fost sitt aħwa u kull nhar ta' Sibt u Ħadd kienu jiltaqgħu biex jaħdmu ir-raba' tal-familja. Ħuha l-attur kien ilaħħaq ukoll mad-delizzji tiegħu, partikolarment is-sajd meta kien imur ma' ħutu s-subien. Iżda wara l-inċident l-affarijiet inbiddlu, għaliex ma baqax jista' jaħdem ir-raba' minħabba l-uġigħ li kien iħoss f'saqajh meta jimxi fuq il-ħamrija. Dakinhar tal-inċident, hekk kif kienet xogħol f'ċentru tal-anzjani, kienet ċemplitilha oħthom Josiann u qaltilha li xi ħadd mill-kollegi ta' ħuhom kien ċemplilha u qalilha li x'aktarx kien kiser saqajh u li kienu ser jieħduh l-isptar. Hija marret tiltaqa' magħhom l-Emerġenza fejn kellimhom tabib li qalilhom li s-sitwazzjoni kienet kritika tant li kienu ser joperawh malajr. Wara li ħuhom ġie operat, huma kienu baqgħu miegħu l-isptar. Jumejn wara kien għamel it-tieni operazzjoni u wara ġimgħa ddeċiedew li oħtha kienet ser tieħu ħsiebu d-dar. Wara l-operazzjoni, l-attur għamel żmien jagħmel il-fiżjoterapija, iżda kien baqa' muġugħ. Kellu jagħmel xi operazzjoni oħra u kien ser ikollu jieqaf mix-xogħol għal madwar erba' jew sitt xhur. Forsi wkoll kien ser ikun hemm bżonn tar-raba' operazzjoni.

**Daniel Sammut**, ħu l-attur, xehed ukoll permezz tal-*affidavit*,[3] li ġie ppreżentat fil-11 ta' Ġunju, 2018. Huwa qal li dakinhar tal-inċident huwa kien qiegħed id-dar meta rċieva telefonata mingħand oħtu Josiann Sammut, li infurmatu li ħuh l-attur kien kiser saqajh f'inċident u kien aħjar li jmur l-isptar jarah. Hekk kif wasal, l-attur kien qed jiġi operat u dak il-lejl kienu qagħdu miegħu ħutu l-bniet. L-għada huwa kien mar iżur lill-attur u dan qallu bl-inċident. Spjega li

---

[2] *A fol.* 49 tal-proċess.
[3] *A fol.* 50 tal-proċess.

huwa kien iqatta' ħafna ħin ma' ħuh jistadu u kienu anki imorru jimxu, iżda wara l-inċident bilkemm kienu jmorru u x-xogħol li kien jagħmel ħuħ fir-raba' tal-familja kellu jinqasam fuqhom kollha.

Il-mara tal-attur, **Rosianne Sammut**, ukoll xehdet permezz tal-*affidavit*[4], li ġie ppreżentat fil-11 ta' Ġunju, 2018. Spjegat li l-attur kien ilu jaħdem ma' Bonnici Brothers Limited għal xi dsatax-il sena. Ir-raġel tagħha kien bniedem ħabbrieki u kien anki jaħdem ir-raba' tal-familja fil-limiti tar-Rabat. Fit-30 ta' Novembru, 2012, kienet irċeviet telefonata mingħand oħt ir-raġel tagħha Josiann Sammut, sabiex tmur l-Isptar Mater Dei għaliex l-attur kien kiser saqajh. Kif waslet, ħut ir-raġel tawha l-aħbar li żewġha kien weġġa' serjament u li kien qed jiġi operat. L-attur dam ġimgħa l-isptar u sadanittant kien għamel żewġ operazzjonijiet. Peress li t-triq ta' fejqan kienet ser tkun waħda twila, ix-xhud spjegat li kienu ddeċidew hi u ħutu u l-aktar Josiann, li kienet taħdem bħala *nurse* l-isptar, li l-attur jerġa' lura d-dar u jingħata l-kura hemmhekk. Għalhekk kienu xtraw sodda bħal dik tal-isptar, kif ukoll siġġu bir-roti. Sadanittant l-attur kien beda jmur għall-fiżjoterapija u dam xi tliet xhur bil-ħadid ma' saqajh. Għaddew sitt xhur qabel ma beda jniżżel saqajh fl-art, u minkejja li għaddew is-snin, huwa kien għadu ma ġiex f'tiegħu u kien ikun muġugħ ukoll. Ix-xhud spjegat li l-attur kien jilbes suletti fiż-żraben u kellu saqajh tal-lemin diformata u b'hekk kien jgħejja jimxi fit-tul jew jibqa' fuq saqajh għal ħin twil. F'Mejju, 2018, żewġha reġa' daħal l-isptar għal operazzjoni oħra f'saqajh u l-perijodu ta' fejqan kien ser ikun twil u forsi kien ser ikun hemm ukoll il-bżonn ta' operazzjoni oħra. L-inċident affettwa wkoll ħażin lit-tifla tagħhom Maronia, tant hu hekk li din baqgħet bil-biżgħa li missierha kien ser ikollu xi inċident ieħor. L-attur dam

[4] *A fol.* 51 tal-proċess.

madwar sena ma reġa' lura għax-xogħol u sadanittant tilef ukoll ħafna *overtime.* Min-naħa tagħha hija kellha toħroġ taħdem sabiex ilaħħqu mal-ispejjeż.

**Josiann Sammut**, oħt l-attur, ukoll xehdet permezz tal-proċedura tal-*affidavit*[5]*,* li ġie ppreżentat fil-11 ta' Ġunju, 2018. Qalet li fit-30 ta' Novembru, 2012 għall-ħabta tas-sagħtejn, hekk kif kienet xogħol ġewwa l-Isptar Mater Dei fejn hi taħdem bħala infermiera, ċemplulha xi kollegi ta' ħuha u qalulha li dan kien involut f'inċident meta kien qiegħed jaħdem fuq proġett ġewwa l-Mellieħa u weġġa' saqajh. Hija mill-ewwel marret id-Dipartiment tal-Emerġenza fejn wara li ltaqgħet ma' oħtha Christine Galea, kellmuhom it-Tabib Ian Said u Mr Alec Sultana u qalulhom sabiex jagħtu l-kunsens tagħhom għall-intervent kirugiku li kellu jagħmel ħuhom. Qalulhom li s-sitwazzjoni kienet kritika għaliex kellu għadma barra li kienet tissejjaħ *compound fracture*. Hija ffirmat u baqgħet tistenna ma' oħtha ħdejn is-swali tal-operazzjonijiet u fil-frattemp waslu xi ħaddiema sħab ħuha, u anki xi familjari. Iżda l-operazzjoni damet sew, tant u hekk li kienu għall-ħabta tad-9.00 ta' filgħaxija meta niżel fis-sala. Marret tkellem lit-tabib u qalilhom li l-operazzjoni kienet waħda kumplikata u l-attur kellu bżonn ta' operazzjoni oħra f'siequ x-xellugija, għaliex din ukoll kienet miksura. Ħuha dam l-isptar kważi ġimgħa u mbagħad ħaduh id-dar fejn hija stess ħadet ħsieb il-*feriti* tiegħu kuljum għal kważi tliet xhur. Għaddiet kważi sena meta ħuha beda jerġa' jimxi mingħajr għajnuna, iżda saqajh il-leminija baqgħet dejjem tiqsar. Min-naħa tagħha hija baqgħet tmur miegħu l-appuntamenti tal-isptar jew dawk ta' tobba privati. Ikkonfermat li l-attur kien

[5] *A fol.* 52tal-proċess.

reġa' għamel operazzjoni oħra f'saqajh u kienet taf li l-perijodu ta' fejqan kien wieħed tqil u saħansitra kellu bżonn intervent ieħor kbir.

**Christopher Farrugia**, kollega tax-xogħol tal-attur, xehed permezz ta' *affidavit*[6], ippreżentat fil-15 ta' Ġunju, 2018. Qal li huwa kien ilu jaħdem mas-soċjetà konvenuta xi seba' snin u xogħlu llum kien xufier bit-*truck*. Dak iż-żmien tal-inċident huwa kien qed jaħdem fuq il-proġett tal-*bypass* tal-Mellieħa u xogħlu kien ta' *labourer*. L-attur kien il-*foreman* tiegħu u dakinhar huwa kien wasslu 'l fuq sabiex iniżżel ir-romblu. Huwa ra lill-attur tiela' fuq ir-romblu, xegħlu u dawwar għal isfel. Iżda f'daqqa waħda sema' ħoss bħal ta' pjanċi jitkaxkru u meta ħares lura, ra r-romblu nieżel waħdu f'nofs tat-triq. Huwa qabad il-vann u tela' 'l fuq fejn sab lill-attur fl-art f'nofs tat-triq bl-għaksa barra. Huwa baqa' hemm ħdejh sakemm waslet l-ambulanza u ħaditu lejn l-Isptar Mater Dei. Fil-frattemp semagħhom jgħidu li r-romblu kellhom iwaddbulu zappun sabiex iwaqqfuh. Ix-xhud spjega li lill-attur jafu jsuq ir-romblu l-ħin kollu u dak kien xogħlu. Fil-fatt kien ilu snin isuqu jew wieħed bħalu, iżda qatt ma kellu inċident. Ikkonferma li l-attur kien dam ix-xhur sabiex reġa' lura għax-xogħol.

Il-kollega tax-xogħol tal-attur **John Farrugia**, xehed ukoll permezz tal-*affidavit*[7], li ġie ppreżentat fil-15 ta' Ġunju, 2018. Spjega li huwa kien ilu jaħdem mas-soċjetà konvenuta għal dawn l-aħħar erbatax-il sena u dakinhar tal-inċident, huwa kien qiegħed xogħol fuq il-proġett f'Ta' Pennellu ġewwa l-Mellieħa. Meta seħħ l-inċident, huwa kien qiegħed fil-parti t'isfel tat-triq u għalhekk ma kienx ra l-inċident iseħħ, iżda ra biss ir-romblu nieżel għal isfel waħdu, sakemm

[6] *A fol.* 54 tal-proċess.
[7] *A fol.* 55 tal-proċess.

waqaf fil-wita qabel id-daħla ta' Popeye Village. Ix-xhud iddikjara li l-attur kien ilu żmien isuq ir-romblu, u dan għal ħafna mill-ħin u kien isuqu bil-galbu.

**Anthony sive Twanny Calleja**, impjegat bħala *foreman* mas-soċjetà konvenuta u kollega tal-attur, xehed ukoll permezz ta' *affidavit*[8], li ġie ppreżentat fil-15 ta' Ġunju, 2018. Dakinhar tal-inċident, huwa kien xogħol fuq il-proġett tal-*bypass* tal-Mellieħa, imma huwa kien qed jaħdem fil-parti t'isfel tat-triq u għalhekk ma rax l-inċident iseħħ. Ix-xhud qal illi lill-attur kien ilu s-snin jafu jsuq ir-romblu u fil-fatt kien ukoll iqatta' ħafna ħin isuqu, iżda qatt ma kellu inċident. Ix-xhud qal illi kif ra r-romblu nieżel waħdu, kien tela' malajr bil-van viċin tar-romblu, u hekk kif sab il-wita r-romblu naqqas il-veloċità, sakemm straħ mal-ġenb tat-triq. Dan wara li r-romblu kien niżel xi mitejn metru jserrep fit-triq. Kif tela' 'l fuq fil-*bypass*, sab lill-attur mimli dmija, bil-qasba ta' saqajh tidher.

Waqt l-udjenza tad-9 ta' Lulju, 2018, xehed **David Saliba**[9], Kap tat-Taqsimiet Tekniċi fi ħdan l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, kif prodott mill-attur. Ikkonferma li għal xi raġuni ma kienet saret l-ebda investigazzjoni min-naħa tagħhom.

Waqt l-istess udjenza xehed **PS 935 Patrick Cassar**[10], prodott mill-attur. Spjega li huwa kien stazzjonat fl-Għassa tal-Qawra, iżda kien ilaħħaq ukoll il-Mellieħa. Huwa kien l-ewwel persuna li waslet fuq il-post tal-inċident, u dan flimkien mal-Ispettur Grabriel Micallef wara li kienu ġew infurmati mill-*Control Room* li kien seħħ inċident fil-*bypass* tal-Mellieħa. Kif waslu sabu lill-attur b'ferita gravi f'siequ l-leminija u dan spjegalhom kif seħħ l-inċident. Ix-xhud stqarr li peress li

[8] *A fol.* 56 tal-proċess.
[9] *A fol.* 65 *et seq.* tal-proċess.
[10] *A fol.* 67 *et seq.* tal-proċess.

r-romblu ma kellu l-ebda assikurazzjoni u *number plates,* huwa kien ħarrek lis-soċjetà konvenuta, u anki lill-attur għaliex ma kellux liċenzja sabiex isuq il-vettura. Huwa kien kellem lil ċertu Charles Micallef min-naħa tal-*health and safety,* li qallu li ma kienx hemm lok li jintervjeni min-naħa tagħhom peress li hu ma kienx inġinier. In kontroeżami x-xhud esebixxa tliet ritratti[11] u spjega li r-romblu dak il-ħin kellu xi *hydraulic fluid* ħiereġ min-naħa ta' quddiem. Ix-xhud esebixxa wkoll *affidavit* tiegħu.[12]

Waqt l-udjenza tad-9 ta' Jannar, 2019, xehed l-attur **Paul Sammut** in kontroeżami.[13] Ikkonferma li kienu ilu jaħdem bir-romblu għal dawn l-aħħar tnax-il sena u kellu l-kariga ta' *foreman* mas-soċjetà konvenuta. Spjega li fuq il-lant tax-xogħol dejjem kien hemm iduru l-imgħallmin Leli Bonnici, Samwel Bonnici u wkoll Alex Bonnici. Kien ikun hemm ukoll persuna inkarigata mill-*health and safety* min-naħa tas-soċjetà konvenuta, u anki persuna oħra hekk inkarigata min-naħa tal-Gvern. Qal li huwa kien ilu juża r-romblu li kien involut fl-inċident għal tnax-il sena, iżda qatt ma kellu problemi bih. Dan ma kienx jintuża l-ħin kollu, iżda biss meta jkun hemm bżonnu. Ikkonferma li kienet isir manutenzjoni regolari tiegħu min-naħa tas-soċjetà konvenuta, li kif ikollha rapport ta' xi ħaġa ħażina fl-inġenji, kienet tagħti l-ordni li ma jintużawx. Dakinhar tal-inċident, huwa kien diġà saq ir-romblu filgħodu għal xi nofsiegħa jew siegħa u mbagħad ir-romblu kien ilu wieqaf minn xid-disgħa ta' filgħodu. Hekk kif reġa' xegħlu u għaddew xi żewġ minuti jew tlieta u wasal f'dik il-parti dritta tat-triq aktar 'il isfel, ir-romblu telaqlu. Beda jżid il-veloċità waħdu, ipprova jżommu mal-bankina iżda għal xejn, u għalkemm ġibed il-*handbrake*

[11] Dok. PC1, PC2 u PC3, *a fol.* 72A tal-proċess.
[12] Dok. PC4, *a fol.* 72B tal-proċess.
[13] *A fol.* 90A *et seq.* tal-proċess.

baqa' jitkaxkar u jżid fil-veloċità. Huwa ma jiftakarx x'kien x'ġara wara li huwa kien qabeż minn fuqu. Kien biss għax qallu ħaddieħor li kien jaf li r-romblu waqaf waħdu n-naħa ta' isfel tat-triq quddiem it-triq l-oħra li tagħti għal *Popeye Village*, u li minn hemm xi ħadd saqu mal-ġenb. Stqarr li s-soċjetà konvenuta ma kienet għamlet xejn ħażin u huma kienu qalulu sabiex jagħmel li għandu jagħmel, jiġifieri li jfittixha għal kumpens. Iżda qatt ma qalulu li jista' jkun li għandhom tort u dan trid issibu l-Qorti.

Waqt l-udjenza tat-13 ta' Marzu, 2019, xehed **Joseph Buhagiar**[14], prodott mis-soċjetà konvenuta. Huwa kien gradwat fl-*Occupational Health and Safety Social Studies* mill-Università ta' Malta fis-sena 2006 u kien jippratika l-*occupational health and safety.* Ix-xhud spjega li huwa kien soċju fis-soċjetà Design Solutions Limited u fis-sena 2012 din kienet *partnership* fil-qasam tal-*health and safety.* Esebixxa kopja tal-*preliminary risk assessment*[15] u anki diversi *risk assessments*[16] ta' xogħlijiet li kienu qed isiru fuq il-proġett ta' Ta' Pennellu, Mellieħa. Spjega li dawn isiru wara li l-*project manager,* li f'dan il-każ kien il-Perit Reuben Aquilina, ikun ħejja *method statement* li jiġi diskuss saħansitra fuq il-lant tax-xogħol sabiex issir evalwazzjoni tar-riskji li jistgħu jinqalgħu u li għandhom jiġu mnaqqsa. B'hekk ikun jista' jitħejja dokument li jissejjaħ *a safe work method statement.* Min-naħa tagħhom huma kienu jmorru fuq il-lant tax-xogħol darbtejn fil-ġimgħa, meta kienet issir spezzjoni dettaljata ħafna tas-sit, u dan filwaqt li jkellmu lill-ħaddiema sabiex jaraw x'problemi kien hemm, jieħdu ritratti, ikellmu lis-*site manager* u anki lis-*site supervisor,* filwaqt li jiddentifikaw il-problemi li kien hemm, l-*occupational*

[14] *A fol.* 113 *et seq.* tal-proċess.
[15] Dok. JB1, *a fol.* 118 tal-proċess.
[16] Dok. JB2, Dok. JB3 u Dok. JB4, *a fol.* 125 sa 151 tal-proċess.

*health and safety hazards* u r-riskji li jiġu trattati dakinhar stess u anki dokumentati bħala *follow-up report*[17] li jintbagħat lill-kuntrattur. Spjega li r-relazzjoni mal-*project management team* kienet tajba, iżda kien hemm xi *issues* li kienu joħorġu mill-konsulenza tiegħu li ma kinux qegħdin jiġu attwati min-naħa tagħhom.

Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **John Schembri**[18], prodott mis-soċjetà konvenuta. Spjega li x-xogħol tiegħu kien ta' konsulent fuq *risk management.* Huwa kien ilu jaħdem fuq dan ix-xogħol sa mis-sena 2004 u fis-sena 2009 kien ġie inkarigat taħt il-vesti ta' kumpannija oħra, sabiex jagħti taħriġ ta' natura bażika ħafna lill-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta. L-għan kien li l-ħaddiema bil-mod il-mod jibdew jifhmu l-obbligu u l-liġijiet tas-saħħa u tas-sigurtà fuq ix-xogħol.

**Emanuel Bonnici**, li fiż-żmien l-inċident kien jokkupa l-kariga ta' direttur tas-soċjetà konvenuta, xehed permezz ta' *affidavit*[19], li ġie ppreżentat fit-23 ta' Mejju, 2019. Stqarr li s-soċjetà konvenuta dejjem tat importanza kbira lis-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tagħha, tant hu hekk li kemm hu, u anki id-diretturi u l-uffiċjali tagħha, kienu l-ħin kollu jkunu preżenti fuq il-lant tax-xogħol. Is-soċjetà konvenuta kienet ukoll tinkariga għadd ta' konsulenti esterni bħalma hija Shield Consultants Limited sabiex dawn iħarrġu l-ħaddiema, anki fl-użu ta' inġenji. Kienet tinkariga wkoll nies oħra sabiex ifasslu *risk assessment.* Fil-każ odjern kienet ġiet inkarigata s-soċjetà DSL Limited, li darba fil-ġimgħa jew aktar kienet tmur permezz tan-nies tagħha fuq il-lant tax-xogħol

[17] Dok. JB5 *a fol.* 152 sa 196.
[18] *A fol.* 197 *et seq.* tal-proċess.
[19] *A fol.* 219 *et seq.* tal-proċess.

għall-fini ta' sorveljanza, filwaqt li kienu jsiru spezzjonijiet regolari mill-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Ix-xhud iddikjara li l-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta kienu jingħataw it-tagħmir protettiv kollu. Dwar l-attur, ix-xhud ikkonferma li dan kien ilu impjegat mas-soċjetà konvenuta għal madwar għoxrin sena, u kien beda bħala *labourer*. Bl-esperjenza u bit-taħriġ min-naħa tal-istess soċjetà konvenuta, l-attur tela' fil-gradi sakemm ħa l-kariga ta' *foreman.* Dakinhar tal-inċident l-attur kellu l-kariga ta' *gang leader*, fejn kien responsabbli għal tim ta' madwar sitt ħaddiema. Ix-xhud spjega li fuq is-sit kien ikun hemm dejjem wieħed mid-diretturi, u kien ikun hemm ukoll il-Perit Reuben Aquilina, il-*works manager* Lee Connell, is-*supervisors* tal-Gvern Ċentrali li kien sid il-proġett, u l-uffiċjali tas-saħħa u tas-sigurtà bħala konsulenti tagħha. Fir-rigward tal-inġenji, ix-xhud qal li dawn kienu jinxtraw ġodda u ssir manutenzjoni regolari fuqhom. L-istess qal fir-rigward tar-romblu li ntuża mill-attur, li ma kellu l-ebda problemi biex jitħaddem. Spjega li dan kien jaħdem b'sistema ta' *hydraulic,* fejn ma kellux gearijiet u lanqas *handbrake.* Kellu *lever* sabiex jitmexxa 'l quddiem u lura u buttuna għall-funzjoni ta' vibrazzjoni, kif ukoll *steering wheel.* Kemm qabel kif ukoll wara l-inċident ir-romblu tħaddem mingħajr problemi. Ix-xhud stqarr li fil-ħin tal-inċident huwa ma kienx fuq is-sit, iżda kien irċieva telefonata fejn qalulu b'dak li kien ġara u huwa telaq mill-ewwel għal fuq il-post tal-inċident. Hemm sab l-ambulanza li kienet ser titlaq bl-attur lejn l-isptar. Huwa saqsa lill-ħaddiema l-oħra x'kien ġara u qalulu li r-romblu kien ħarab bl-attur. Kif waslu l-Pulizija, is-surġent talab lil wieħed mill-impjegati sabiex isuq ir-romblu u dan saqu mingħajr l-ebda diffikultà. Sa fejn kien jaf hu, ir-romblu kien baqa' fuq is-sit mingħajr ebda bżonn ta' tiswija. Sussegwentement huwa kien tkellem mal-

attur u dan kien qallu li r-romblu tkaxkar. Minn żmien għal żmien l-attur kien jistaqsih x'kien ser jagħmel għal kumpens u x-xhud filwaqt li kien iwieġbu li s-soċjetà konvenuta kellha polza ta' assikurazzjoni tat-tip *employer's liability,* kien jgħidlu sabiex jagħmel kif jidhirlu.

**Gilbert Bonnici**, direttur tas-soċjetà konvenuta, xehed permezz ta' *affidavit*[20], li ġie ppreżentat fit-23 ta' Mejju, 2019. Fiż-żmien tal-inċident huwa kien imexxi l-*workshop* tal-United Equipment Co. Limited (UNEC), kumpannija sussidjarja tas-soċjetà konvenuta, fejn kien isir xogħol ta' tiswija u manutenzjoni fuq l-inġenji u l-makkinarju tas-soċjetà konvenuta. Ir-romblu li kien qed jintuża mill-attur fil-ħin tal-inċident, kienet xtratu u impurtatu ġdid il-kumpanija UNEC li mbagħad biegħitu lis-soċjetà konvenuta fis-sena 1994. Ix-xhud esebixxa l-*manual* tiegħu[21] u spjega kif jaħdem b'sistema ta' *hydraulic*. Qal ukoll li kellu *lever* sabiex ma jitħalliex jimxi meta jkun mixgħul, iżda *handbrake* ma kellux. Ix-xhud esebixxa l-*logs*[22] li seta' jsib fir-rigward ta' tiswija u manutenzjoni tar-romblu. L-aħħar manutenzjoni fuq ir-romblu qabel seħħ l-inċident, kienet saret f'Mejju 2012. Imbagħad fil-5 ta' Diċembru, 2012, kien sar *"overall check-up"* fuqu fejn nbiddlu iż-żejt u l-*filters* tiegħu, iżda ma rriżultat l-ebda ħsara jew difett fil-funzjonament tiegħu. Ir-romblu baqa' jintuża għal għadd ta' snin wara l-inċident, u dan mingħajr problemi ta' xejn, u fis-sena 2018 ġie *phased out* għaliex minfloku ddaħħal makkinarju aktar modern. Sa fejn kien jaf hu, ir-romblu qatt ma kellu problemi.

[20] *A fol.* 222 *et seq.* tal-proċess.
[21] Dok. GB1, *a fol.* 224 sa 249 tal-proċess.
[22] Dok. GB2 (A sa F) u Dok. GB3 (A sa E), *a fol.* 251 sa 261 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tal-24 ta' Ġunju, 2019, xehed **Eric Calleja**[23], prodott mill-attur. Spjega li huwa kien għamel żmien impjegat mas-soċjetà konvenuta bħala *heavy plant driver* u kien ħadem fuq il-proġett tal-Mellieħa. Lill-attur huwa kien jafu u kien jaf ukoll li kien involut f'inċident. Dak il-ħin ix-xhud kien qed jimla l-*bollards* bl-ilma meta ra r-romblu nieżel waħdu. Kif ir-romblu wasal fil-biċċa ta' isfel tat-triq fejn kien naqqas sew mill-veloċità, ix-xhud qabeż fuq ir-romblu u waqqfu billi ġibed il-*lever* lura għar-*reverse.* Ix-xhud osserva li r-romblu kien qed jitkaxkar meta jimxi 'l quddiem, billi kellu r-rota ta' quddiem imwaħħla u kien għalhekk li minflok saqu bir-*reverse* għal mal-ġenb. Stqarr li l-*handbrake* kien imtella' meta suppost dan kien 'l isfel. Aktar tard lix-xhud kien tellgħu l-uffiċju tal-kumpanija fil-Mellieħa stess, ċertu Lee, li kien rappreżentant tagħha. Hemmhekk għamel stqarrija ta' dak li kien ġara. Ix-xhud qal li r-romblu kien baqa' xi xahar fil-post fejn kien ħallih hu, u mbagħad kien għabbieh xufier tas-soċjetà konvenuta fuq *low loader* u ħadu 'l hemm, filwaqt li nġab romblu ieħor. Ix-xhud spjega li meta r-rota ta' quddiem tar-romblu bdiet titkaxkar, din ma kinetx qiegħda tiċċaqlaq u fil-fehma tiegħu dan ġara għax kien qed iżomm il-*handbrake.* Spjega li minbarra l-*handbrake* r-romblu ma kellux brejkijiet u biex jitwaqqaf kien hemm bżonn li wieħed jagħmlu lura jew fin-nofs. Huwa kien ittenta jmexxih 'il quddiem mingħajr ma neħħa l-*handbrake,* iżda r-rota ta' quddiem bdiet titkaxkar. Wara dan l-inċident, ix-xhud iddikjara li kienu tkaxkru żewġ rombli oħra fl-istess niżla, iżda ma kienx hemm konsegwenzi. Għalhekk huma kienu bdew jorbtu r-romblu b'katina ma' gaffa sabiex din iżżommu hekk kif ikun nieżel in-niżla.

[23] *A fol.* 266 *et seq.* tal-proċess.

Waqt l-udjenza tat-2 ta' Ottubru, 2019, xehed in kontroeżami **Emanuel Bonnici**.[24] Dan ikkonferma li fil-ħin tal-inċident, huwa ma kienx preżenti u lanqas kien preżenti il-*managing director.* Meta ġew il-Pulizija fuq il-post tal-inċident, qalu lil wieħed mill-ħaddiema l-oħra tas-soċjetà konvenuta jsuq ir-romblu biex jittestjawh u kien instaq 'il quddiem u lura. Ir-romblu ma kienx intuża wara l-inċident, għaliex mhux dejjem ikun hemm bżonnu, peress li l-kumpannija kellha diversi rombli oħra. Ix-xhud ma kienx jaf għal kemm żmien kien baqa' wieqaf ir-romblu jew jekk qatt reġa' ntuża.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Il-Qorti sejra l-ewwel tindirizza l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni, imbagħad tgħaddi biex tikkonsidra t-talbiet l-oħra f'din il-kawża.

Jirriżulta mill-provi li l-inċident inkwistjoni seħħ meta l-attur, impjegat bhala *foreman* mas-soċjetà konvenuta kien qiegħed isuq romblu fin-niżla magħrufa bħala Ta' Pennellu jew il-*bypass* tal-Mellieħa. Dan kien għall-ħabta tas-sagħtejn neqsin kwart ta' waranofsinhar fit-30 ta' Novembru, 2012. L-attur li kellu madwar tlettax-il sena ta' esperjenza fl-użu tar-romblu, kien twassal mill-kollega tiegħu Christopher Farrugia sa ħdejn ir-romblu. Huwa tela' bilqiegħda fuqu, xegħlu, neħħa l-*handbrake* u saqu 'l quddiem. Iżda kif dan qabad il-parti d-dritta tat-triq wara ż-żigużajg, ir-romblu beda jitkaxkar għal isfel. L-attur ġibed il-*handbrake,* iżda xorta waħda r-romblu baqa' nieżel waħdu jitkaxkar. Wara li ttenta jwaqqfu billi jdawwru lejn il-bankini f'kull naħa tat-triq, l-attur

[24] *A fol.* 285 *et seq.* tal-proċess.

iddeċieda li jaqbeż minn fuqu bil-konsegwenza li weġġa' saqajh it-tnejn. Ma jirriżultax li dawn il-fatti huma kontestati mill-partijiet.

Kuntrarjament għal dak li qed isostni l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ma jirriżultax li dan l-inċident seħħ minħabba xi difett jew xi ħsara li kellu r-romblu. L-attur stess kemm fl-*affidavit*, kif ukoll fix-xhieda tiegħu, ma jagħti xejn x'jifhem lil din il-Qorti li dan kien il-każ. Anzi, jgħid li huwa kien ilu jsuq dan ir-romblu partikolari għal tnax-il sena u qatt ma kellu problemi bih, u stqarr li s-soċjetà konvenuta kienet tagħmel manutenzjoni regolari fuqu. Barra minn hekk ma jirriżultax li dan kien il-każ, minn eżami tar-rapporti[25] li saru dak iż-żmien tal-inċident esebiti minn Joseph Farrugia, soċju fil-kumpanija Design Solutions Limited inkarigata mis-soċjetà konvenuta sabiex tagħmel *occupational health & safety risk assessment* għall-proġett tal-bini tal-*bypass* magħrufa bħala Ta' Pennellu fil-Mellieħa. Skont dawn ir-rapporti, *construction vehicles, plant and machinery* f'dak iż-żmien instabu li kienu f'kundizzjoni tajba.

Mix-xhieda ta' John Schembri[26], jirriżulta li għall-ħabta tas-sena 2009 huwa kien ġie inkarigat mis-soċjetà konvenuta sabiex jagħmel diversi korsijiet għall-ħaddiema tagħha għal dak li jirrigwarda l-obbligi ta' min iħaddem u ta' min hu impjegat fid-dawl ta' dak li kienet tipprovdi l-liġi. Iżda ma jirriżultax lil din il-Qorti li sar xi taħriġ ulterjuri jew saħansitra fuq il-mod li għandu jintuża r-romblu fuq il-lant tax-xogħol. Lanqas jirriżulta li s-soċjetà konvenuta kienet ipprovdiet lill-ħaddiema li kienu jaħdmu fuq ir-romblu bi spjegazzjoni jew

[25] *Supra.*
[26] Seduta 13 ta' Marzu, 2019, *a fol.* 198.

għadditilhom kopja tal-*handbook*[27] tiegħu li ġie esebit f'dawn il-proċeduri minn Gilbert Bonnici, direttur tas-soċjetà konvenuta. Il-Qorti ma tistax hawnhekk ma tosservax dak li jgħid dan il-*handbook*[28]:

*"**A** – OPERATING INSTRUCTIONS*

***SAFETY PRECAUTIONS***

> *Check the working area for possible sources of danger such as slopes, uneven terrain, tree stumps, ditches, trenches, hidden holes etc.*
> *In conditions such as these, exercise extreme caution.*
>
> *The tandem roller should only be used by suitably qualified personnel."*

Din il-Qorti tikkunsidra li din is-silta mill-*handbook* turi li s-soċjetà konvenuta naqset f'żewġ aspetti mill-obbligi tagħha li tipprovdi lant tax-xogħol sigur u nieqes mill-perikli. Tibda billi tikkunsidra li r-romblu kellu jintuża min persuna kkwalifikata kif xieraq fit-tħaddim tiegħu, iżda kif diġà ġie osservat, ma tirriżulta l-ebda prova li s-soċjetà konvenuta kienet ipprovdiet lill-attur taħriġ fl-użu tiegħu, minkejja li huwa kien ilu madwar tnax-il sena jagħmel użu minnu fuq il-lant tax-xogħol. Mhux hekk biss, iżda PS 935 Patrick Cassar xehed ukoll li:

> *"Il-vettura ma kellhiex* insurance*, ma kellhiex* number plates*, ma kellha xejn u għalhekk kont hriġt* charges *kemm lil Paul Sammut li kien qed isuq il-vettura mingħajr liċenzja kif ukoll kienu ħarġu xi akkużi lil Bonnici Brothers ukoll".*[29]

---

[27] *Supra.*
[28] *A fol.* 231.
[29] Seduta 9 ta' Lulju, 2018, *a fol.* 68 u *affidavit* a *fol.* 73 tal-proċess.

Ix-xhieda ta' Eric Calleja[30], li fiż-żmien tal-inċident kien jaħdem mas-soċjetà konvenuta, tiżvela nuqqas ieħor ta' din tal-aħħar, li din il-Qorti tikkunsidra li kkontribwixxa għall-akkadut. Hawnhekk il-Qorti tagħraf li r-romblu nstaq f'niżla mingħajr ma ttieħdu l-prekawzjonijiet adatti u adegwati minkejja t-twissija li tinstab fil-*manual* tiegħu. Eric Calleja stqarr li sussegwenti għall-inċident, kienu tkaxkru żewġ rombli oħra, iżda fortunatament ma kienx hemm konsegwenzi. Ikompli jgħid li minħabba f'hekk, meta kien jintuża r-romblu, dan beda jintrabat ma' gaffa warajh permezz ta' katina u din kienet timxi miegħu sabiex:

> *"jekk ir-romblu jagħmel xi moviment ikun hemm il-gaffa qed iżżommu. Dak li bdejna nagħmlu mbagħad. Biex ninżlu in-niżla, biex inkunu* safe *bdejna norbtuh bil-katina."*

Barra minn hekk ma rrizultax lil din il-Qorti li l-ħaddiema kienu jagħmlu użu minn xi tagħmir protettiv u dan għal darb'oħra juri nuqqas da parti tas-soċjetà konvenuta li tgħallem u tħarreġ lill-ħaddiema tagħha kif mistenni sabiex jiġu mħarsa s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.

Minn dan kollu jirriżulta lil din il-Qorti li s-soċjetà konvenuta naqset milli tosserva l-obbligi kollha imposti fuq min iħaddem sabiex jiġu mħarsa s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol skont l-obbligi tiegħu kif imfissra fl-artikolu 6 tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tirriżulta l-ebda traskuraġni da parti tal-attur fil-mod kif seħħ l-inċident inkwistjoni. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Frederick Sammut et *vs.* Direttur Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili et**[31], il-Qorti proprju indirizzat dan l-obbligu partikolari ta' min iħaddem, u qalet:

---

[30] Seduta 24 ta' Ġunju, 2019, *a fol.* 276 *et seq. tal-proċess.*
[31] Q.A., 24.11.2017.

"Kull min iħaddem għandu jagħmel dan l-eżercizzju billi jottempera ruħu mad-dmirijiet ġenerali li jadotta prekawzjonijiet xierqa bħala *bonus paterfamilias,* u għalhekk, f'kull żmien u f'kull aspettli għandu x'jaqsam max-xogħol, għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organiżżazzjoni, kontroll, monitoraġġ, u reviżjoni kritika tal-miżuri preventivi u protettivi. Dan jinkludi li jiġi kkonsidrat kemm in-natura tal-attivitajiet tax-xogħol billi tingħata l-informazzjoni u t-taħriġ meħtieġa skont il-liġi; li jara li jiġi pprovdut post sigur fejn isir it-taħriġ; li tingħata l-għodda adegwata u l-ilbies kollu protettiv meħtieġ; kif ukoll li tali għodda hekk adattata tiġi użata u lbies attwalment użat, b'dan li anki kieku jingħata l-ilbies u apparat protettiv kollu (li mhux il-każ odjern), xorta waħda l-prinċipal għandu jara li l-apparat jiġi effettivament użat."

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Fenech et *vs.* Chairman tal-Malta Drydocks et**[32], dwar l-obbligi da parti ta' min iħaddem, inkiteb:

"Dwar in-natura tad-dmir impost fuq min iħaddem, il-Qrati tagħna ripetutament jinsistu fuq id-dmir ta' min iħaddem li jipprovdi '*a safe place of work*' iżda rari kienu jidħlu fil-kwistjoni jekk in-nuqqas ta' min iħaddem li hekk jipprovdi jkunx aġir bi ksur ta' obbligu kuntrattwali jew aġir delittwali. Li hu żgur hu li l-Qrati tagħna dejjem jitkellmu fuq 'dover' u 'obbligazzjonijiet' ta' min iħaddem, bħallikieku fuq dan hemm rabta kuntrattwali mal-ħaddiem li jipproteġieh. Fil-kawża **Sultana vs Spiteri** deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fit-28 ta' Mejju, 1979, ġie osservat li min iħaddem għandu d-dover li jara li l-post tax-xogħol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sigurezza għal min ikun qed jaħdem, obbligu speċifiku u determinat li donnu joħroġ mill-isfera tal-kunċett ta' *neminem laedere,* involut fir-responsabilita' taħt delitt u kważi-delitt. Il-Qrati tagħna espandew fuq dan l-obbligu ta' min iħaddem, u jinsistu fuq id-dover tiegħu li jipprovdi attrezzi u makkinarju sikur, post tax-xogħol nadif u ħieles minn perikolu, stħarrig u superviżjoni tal-ħaddiema, manutenzjoni regolari fuq kull biċċa magna, u diversi obbligi relatati marbuta man-natura tax-xogħol (ara per eżempju l-awża **Galea vs Meilaq noe**, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2007). Intqal ukollli huwa dmir ta' min iħaddem "*to provide a safe system of work, and that in planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work"* – **Borg *vs* Wells noe**, deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Settembru 1981. Minn dan jidher li malli jiġi ffirmat kuntratt ta' impjieg bejn min iħaddem u l-ħaddiem,

[32] Q.A., 03.12.2010.

jitwieled f'tal-ewwel obbligu li jieħu ħsieb l-inkolumità tal-ħaddiem, b'mod li dan l-obbligu jista' jitqies bħala parti mit-termini tal-istess kuntratt."

## Danni

Jifdal għalhekk li l-Qorti tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur, li jinkludu danni materjali kif ukoll telf ta' qligħ futur li huwa jista' jkollu minħabba fid-debilità permanenti sofferta minnu b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

L-espert mediku ġudizzjarju **Mr Raymond Gatt**, *consultant orthopaedic surgeon,* ħejja rapport[33] dettaljat wara eżami mediku tal-attur li sar fit-3 ta' Ottubru, 2018, jigifieri kważi sitt snin wara li seħħ l-inċident, fejn spjega dak li osserva hekk kif eżamina saqajn l-attur u b'hekk wasal għall-konklużjoni li l-perċentwal ta' diżabilità permanenti (*whole person impairment)* kellu jkun ta' 12%.

*Damnum Emergens:*

L-attur ippreżenta diversi rċevuti[34] tal-ispejjeż li huwa inkorra konsegwenza tal-inċident. Is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha għalkemm qiegħda tikkontesta l-pretensjoni għall-ħlas ta' danni, ma ressqet l-ebda kontestazzjoni fir-rigward ta' dawn l-irċevuti, imma minkejja dan jonqos li din il-Qorti

[33] *A fol.* 98.
[34] Dok. PS7 a *fol.* 15.

tikkunsidra kull waħda minn dawn l-irċevuti sabiex jiġi stabbilit jekk jikkostitwixxux prova tajba ta' dak li qed jippretendi l-attur.

L-ewwel irċevuta nħarġet minn Mr Jason Zammit, *orthopaedic & trauma surgeon*, li ħejja r-rapport mediku[35] ppreżentat mill-attur mar-rikors maħluf tiegħu in sostenn tal-allegazzjoni tiegħu li huwa sofra diżabilita permanenti riżultat tal-inċident. Peress li dan ir-rapport kien neċessarju sabiex ġew intavolati l-proċeduri odjerni, din il-Qorti tikkunsidra li t-talba għal rifużjoni għandha tintlaqa', u l-istess jista' jingħad fir-rigward tal-irċevuta maħruġa mill-Isptar Mater Dei fir-rigward tal-kopji tad-dokumenti mediċi mogħtija lill-attur u li jinsabu ppreżentati flimkien mal-imsemmi rikors maħluf. [36] Fid-dawl ta' dak li qal l-attur fl-*affidavit* tiegħu[37] li huwa kellu jieħu t-terapija, kif ikkonfermat minn martu Rosianne Sammut fl-*affidavit* tagħha[38], u fid-dawl ta' dak li qalet oħtu Josiann Sammut fl-*affidavit* tagħha[39] li hija qiegħda takkumpanjah għand tobba privati, għandhom jintlaqgħu wkoll l-ispejjeż skont l-irċevuti maħruġa minn Saint James Hospital Limited minn fejn jirriżulta li l-attur attenda għal konsulenza medika sussegwenti għall-inċident fis-27 ta' Frar, 2013, u fl-4 ta' Settembru, 2013[40], u dawk skont l-irċevuta maħruġa mil-fiżjoterapista Luke Busuttil Leaver fl-20 ta' Jannar, 2013.[41] Hija wkoll dovuta lilu l-ispiża[42] neċessarja sabiex l-attur ottjena kopja tar-rapport tal-inċident[43] mingħand il-Pulizija, kif anness mar-rikors promotor. L-ammont komplessiv ta' €661.99

[35] Dok. PS5 a *fol.* 11.
[36] *A fol.* 17.
[37] *Supra.*
[38] *Supra.*
[39] *Supra.*
[40] *A fol.* 19.
[41] *A fol.* 18.
[42] *A fol.* 16.
[43] Dok. PS6 *a fol.* 13.

reklamat permezz ta' dawn l-irċevuti, għalhekk għandu jitħallas lill-attur mis-soċjetà konvenuta.

*Lucrum Cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini vs. Antoine Cachia**[44], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapacità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans,* li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawza tal-egħmil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono vs. Malta Drydocks**[45], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċizjonijiet in materja."

[44] P.A., 18.02.2013.
[45] P.A., 27.04.2005.

L-attur min-naħa tiegħu pproduċa kopja tal-FSS għas-snin 2011 sa 2016[46] minn fejn jirriżulta li fis-sena 2012 meta seħħ l-inċident, huwa kellu introjtu mill-impieg tiegħu ta' €21,998, li minnu tħallset is-somma ta' €2,603 rappreżentanti t-taxxa dovuta u €1,514.74 rappreżentanti l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali dovuta min-naħa tiegħu, sabiex b'hekk l-introjtu nett tal-attur kien ta' €17,870.26.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali għalkemm bħala regola, huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' sitta u għoxrin (36) sena, li hija l-eta' li kellu l-attur meta seħħ l-inċident, il-*multiplier* adottat ikun ta' tmintax (18)[47], tenut kont li persuna fl-età tal-attur huwa mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin (65) sena sabiex jilħaq l-età pensjonabbli.

F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjuġi Ransley vs. Edward u Lydia konjuġi Restall**[48], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru,1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-'*changes and changes of life',* b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> …

[46] Dok. PS8 a *fol.* 20 sa 25.
[47] Ara l-prospett tad-danni ppreżentat mill-attur, *a fol.* 203 *et seq.* tal-proċess.
[48] P.A., 10.05.2005.

> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżercizzju matematiku – għalkemm tali eżercizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard,** b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bhala '*lucum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

L-espert mediku ġudizzjarju Mr Ray Gatt wasal ghall-konkluzjoni li l-grad ta' debilita' permanenti sofferta mill-attur hi ta' 12%.[49] Il-Qorti ma ssibx raġuni għaliex m'għandhiex tistrieħ fuq ir-rapport tal-imsemmi espert mediku ġudizzjarju li saħansitra mhux kontestat mill-partijiet.

Is-salarju tal-attur irid jiġi aġġustat abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[50], b'hekk {€17,870.26 + (€17,870.26 x 1.18% x 18)}. Għalhekk il-Qorti qiegħda tikkomputa s-salarju medju fis-somma ta' €17,870.26 + €21,665.90 ÷ 2 = €19,768.06. Huwa dan is-salarju li l-Qorti ser tieħu ghall-finijiet tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

L-evoluzzjoni ġurisprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba (*lump sum payment).* Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'kazijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin

[49] *Supra*.

[50] F'sentenza mogħtija mil-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju, 2001, fl-ismjiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe**, il-Qorti stabbiliet illi "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effett li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*". Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.92% li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-ahhar ħames snin skont l-NSO: {1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37%(2017) + 1.16% (2018) + 1.64% (2019) ÷ 5 = 1.18%}.

bejn id-data meta jiġi pppreżentat ir-rikors maħluf u d-data tas-sentenza. Għalhekk f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis għaliex il-kawża ġiet ippreżentata fis-26 ta' April, 2018.

Is-salarju medju ta' €19,768.06 x *multiplier* ta' 18 x 12% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għaċ-cifra ta' €42,699, li meta tiġi ridotta b'20% *(lump sum payment*) twassal għas-somma ta' €34,159.21 (erbgħa u tletin elf, mija mija u disgħa u ħamsin Euro u għoxrin ċenteżmu). Huwa dan il-*lucrum cessans* li l-Qorti qiegħda tistabbilixxi li għandu jitħallas mis-soċjetà konvenuta lill-attur.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta;**
2. **Tilqa' t-talbiet tal-attur u tiddikjara li r-responsabbilità tal-inċident mertu ta' din il-kawża għandha tinġarr mis-soċjetà konvenuta;**
3. **Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-istess inċident fis-somma ta' erbgħa u tletin elf, tmien mija u wieħed u għoxrin Euro u għoxrin ċenteżmu (€34,821.20); u**
4. **Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur id-danni kif likwidati.**

**Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali numri 3710/13, 3360/15 u 2219/17 rispettivament, u bl-imgħaxijiet legali mil-lum sad-data tal-ħlas effettiv.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**